Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,028, 4 ta' Novembru, 1994
Taqsima B

A.L. 150 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

(KAP. 327)

REGOLAMENTI TA' L-1994 DWAR IL-KORS GĦAD-DIPLOMA IN PSYCHIATRIC NURSING — DIP. PSYCH. NURS.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Kors għad-Diploma in Psychiatric Nursing — Dip. Psych. Nurs.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Psychiatric Nursing — Dip. Psych. Nurs.;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-Diploma in Psychiatric Nursing — Dip. Psych. Nurs.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-Korsijiet mibdija fl-1992 jew wara.

Eliġibilità għad-Diploma

3. Biex ikun jista' jingħata d-Diploma kandidat irid:

(a) ikun irreġistrat bħala student regolari ta' l-Università;

(b) ikun temm il-kors u jkun għadda mill-eżamijiet rilevanti skond dawn ir-regolamenti; u

(ċ) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra preskritti fi statuti u regolamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

Reġistrazzjoni

4. (1) Il-kandidat jista' jiġi rreġistrat bħala student fil-Kors kemm-il darba jissodisfa:

(a) ir-rekwiżiti tad-dħul bħala student regolari skond ir-Regolamenti tad-Dħul ta' l-Università;

(b) lill-Bord li għandu x-xejriet meħtieġa għall-infermier psikjatriku wara li, jekk il-Bord jeħtieġ hekk, jattendi intervista għal dan l-iskop;

(ċ) ir-rekwiżiti għal reġistrazzjoni effettiva bħala Nurse Rreġistrat mill-Istat (S.R.N.) f'Malta; u

(d) lid-Dipartiment tas-Saħħa li hu f'sikktu fiżikament biex jaqdi dmirijietu bħala nurse.

(2) Studenti barranin għandhom ukoll juru kapaċità fl-Ingliż kemm bil-miktub u kemm bil-fomm.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jestendi fuq perjodu ta' erba' semestri mifruxa fuq sentejn. Il-kandidat ma jistax jagħmel l-Eżami Komprensiv Finali qabel għoxrin xahar jew wara tliet snin minn mindu beda l-Kors, ħlief f'ċirkustanzi speċjali u bil-permess tas-Senat.

Il-Kors ta' l-Istudju

6. (1) Il-Kors hu magħmul minn:

(a) taqsimiet studju li għalihom għandhom jingħataw mhux anqas minn erbgħin kredtu u li għandhom jinqasmu kif ġej:

29 kredtu fit-Teorija tan-Nursing
11-il kredtu f'Suġġetti Marbuta man-Nursing; u

(b) proġett individwali taħt superviżjoni.

(2) Katalgu ta' taqsimiet studju bil-kredti assenjati lil kull waħda minnhom għandu jiġi ppubblikat qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

(3) Il-Bord għandu jiddeċiedi liema taqsimiet studju u f'liema ordni l-kandidat jista' jieħu biex itemm il-Kors.

Valutazzjoni Kontinwa

7. (1) F'kull semestru tal-Kors il-kandidati għandhom jingħataw test, skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord, f'kull taqsima studju li tkun saret tul dak is-semestru.

(2) Fl-għoti tal-kredti għandhom jintużaw dawn il-gradi: A, B, C, D u F, fejn A hi l-ogħa grad u F tfisser li weħel.

(3) Kandidat jista' jitħalla jerġa' joqgħod għall-valutazzjoni tiegħu jekk jeħel f'xi wieħed mill-kredti. Jekk jgħaddi mir-riparatorju, jingħata biss il-grad minimu ta' min jgħaddi. Jekk jerġa' jeħel, il-kandidat għandu jirrepeti l-kredtu u jekk jgħaddi jista' jingħata biss il-grad minimu ta' min jgħaddi.

(4) Kandidat li f'xi sena akkademika (żewġ semestri) —

(a) jonqos li jikseb 80% tan-numru totali ta' kredti mogħtija, jew

(b) jonqos li jikseb 80% tal-kredti f'xi waħda minn dawn:

Teorija tan-Nursing
Suġġetti Marbuta man-Nursing

m'għandux jitħalla jkompli l-Kors jew jagħmel l-Eżami Komprensiv Finali, ħlief f'ċirkustanzi speċjali u bil-permess tas-Senat.

L-Eżami Komprensiv Finali

8. (1) Kandidat għandu jagħmel l-Eżami Komprensiv Finali wara li jikseb minn ta' l-anqas in-numru minimu ta' kredti speċifikat fil-paragrafu (4) tar-regolament 7.

(2) L-Eżami Komprensiv Finali għandu jkun magħmul minn tliet karti meħudin fl-istess sessjoni kif ġej:

L-ewwel karta: Ħarsien tas-Saħħa Primarja
It-tieni karta: Saħħa Mentali: Teorija u Prattika tan-Nursing
It-tielet karta: Żvilupp Professjonali u Tmexxija tan-Nursing

(3) Il-kandidat jista' jkun meħtieġ jagħmel eżami *viva voce*.

(4) Kandidat li jeħel f'waħda jew aktar mill-karti ta' l-Eżami Komprensiv Finali jkollu jirrepeti l-karta jew karti darba biss fi żmien speċifikat mill-Bord normalment fi żmien erba' xhur minn tmiem il-Kors.

(5) F'ċirkustanzi speċjali u bil-permess tas-Senat, il-kandidat jista' jitħalla jirrepeti l-Eżami Komprensiv Finali kollu fi żmien tnax-il xahar minn tmiem il-Kors skond il-kundizzjonijiet determinati mis-Senat, bil-parir tal-Bord.

Il-Gradi Finali

9. (1) Il-gradi finali jkunu bbażati fuq it-taqsimiet studju teoriċi u kliniċi, il-proġett u l-Eżami Komprensiv Finali.

(2) L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma jkunu ppubblikati fl-ordni alfabetiku f'dawn it-tliet klassijiet:

Distinzjoni
Kredtu
Għadda

(3) Kandidat li jitħalla jirrepeti parti jew l-Eżami Komprensiv Finali kollu jista' jingħata biss il-grad li Għadda.